# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 70/2015**

Il-Pulizija

vs

**Francis Caruana**

Iben Anthony, imwieled iz-Zejtun, fil-31 t'Awwissu, 2016, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 647554(M)

Illum, 25 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francis Caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'xi granet f'Settembru, 2011 u wara f'dawn il-gzejjer:

Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghall-valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Krismar Vassallo;

Ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' tlett (3) sentenzi sospizi moghtija lilu, tnejn (2) minnhom mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. nhar l-14 ta' April, 2010, mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. nhar id-29 ta' April, 2010, u l-ohra mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Frar, 2009, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' *probation order* moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Marzu, 2009;

Irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati Malta, sentenzi li gew definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Frar, 2015 fejn il-Qorti filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk illiberatu minnha, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni ma kkunsidrax lill-imputat recidiv *ai termini* tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta' Lulju, 2013 b'mod partikolari l-artikoli 28B, 49, 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Francis Caruana hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni (taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **biss**) migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li gabet fis-sehh is-sentenzi ta' prigunerija sospizi moghtija fit-12 ta' Frar, 2009 (Dok. "RS 4" – *a fol.* 64 *et seq.*), fl-14 ta' April, 2010 (Dok. "RS 5" – *a fol.* 66 *et seq.*), u fid-29 ta' April, 2010 (Dok. "RS 6" – *a fol.* 68 *et seq.*), f'liema sentenzi l-imputat nghata, f'kull sentenza, il-piena ta' sentejn prigunerija li kienet giet sospiza ghall-erba' (4) snin, ikkundannt lill-imputat ghal perijodu iehor ta' sena u sitt xhur prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment kundannat ghal perjodu ta' seba' (7) snin u sitt (6) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fit-18 ta' Frar, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-esponent hati tat-tielet akkuza u ivvarjha fejn sabitu hati taht l-ewwel, it-tieni u ir-raba

imputazjoni ( taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ) u dana billi tillibera lill-esponent mill-imputazzjonijiet kollha u dana billi occorrendo li tiddikjara il-procedimnet ezawrit stante ir-rinunzja tal-parti leza.

Jew fin-nuqqas tirriforma is-sentenza appellata billi timponi piena aktar mita u u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament erronju ta' dritt. Illi f'dan ir-rigward jinghad is-segwenti :

Illi ai termini tal-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta nsibu li hija il-parti leza biss li tista' tirrinunzja dawn il-proceduri fuq il kwerela taghha.

Illi ghandu jirrizulta li waqt il-process il-kwerelanti ddikjaraw li huma kienu thalsu ghas-saldu ta' kull pretensjoni taghhom. Il-Qorti pero' irrimarkat illi ma kienx hemm ir-rinunzja tal-parti leza u ghalhekk ma setghatx tiddikjara ic-cessjoni ta' dawn il-proceduri.

Illi ghandu jinghad illi ir-rinunzja tista' tkun jew implicita jew esplicita. L-appellant isostni li fil-mori ta' dawn il-proceduri kien hemm rinunzja implicita. In effetti ghalhekk telghu jixhdu il-kwerelanti biex jispjegaw li huma kienu thallsu dak kollu lilhom dovut u li per konsegwenza ma kellhomx aktar pretenzjonijiet x'jivvantaw kontra l-appellant odjern.

Illi in sostenn ta' dan, l-appellant jaghmel ampja referenza ghas sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali per imhallef Lino Agius fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alfred Debono' deciza 25/06/1993.

Illi tenut dan kollu l-appellant jikkontendi, li l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tordna ic-cessjoni ta' dawn il-proceduri stante ir-rinunzja tal-kwerela tal-parti lesa.

Illi lanqas ma jista jinghad u lanqas ma gie hekk ritenut mill-ewwel Onnorabli Qorti li f'dan il-kaz jissussitu d-derogi u l-eccezzjoniijiet hekk kif kontemplati fl'artikolu 294 tal Kodici Kriminali.

Illi minghajr pregudizju ghal dak li ntqal, jigi enfasizzat li l-kwerela tista' tigi renunzjata f'kull stadju tal-proceduri anke fil-grad ta' Appell. Illi per konsegwenza u a skans ta' ekwivoci, mal-prezenti appell qed jigi ezebit dokument formali li jindika li l-parti leza qieghda ta' bil-haqq tirrinunzja ghall-kwerela taghha u dan b'mod esplicitu.

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva u dan tenendo kont l-ammont pjuttost minuri allegatament misaproprijat u tenendo kont ukoll il-fatt li dak mehud gie kollu irritornat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mar-rikors tat-18 ta' Frar, 2015 l-appellant ipprezenta tlett noti ta' rinunzja ghall-azzjoni kriminali mill-persuni nvoluti f'dan il-kaz.

Illi fl-14 ta' Lulju, 2016 din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet cahdet it-talba tal-appellant biex tiddikjara l-procediment ezawrit stante rinunzja da parti tal-partijiet civili.

Illi b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2016 din il-Qorti, diversament presjeduta iddikjarat li a bazi tal-artikolu 743 tal-Kodici ta' procedura u Organizazzjoni Civili kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2017 din il-Qorti, kif presjeduta, kompliet tisma dan l-appell.

Illi b'rikors tal-15 ta' marzu, 2017 l-appellant talab lil din il-Qorti biex tiddikjara li d-digriet moghti preliminarjament minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, jigi revokat 'contrario imperio'. L-Avukat Generali pprezenta r-risposta tieghu ghal dan ir-rikors fl-20 ta' Marzu, 2017.

Illi l-artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali jghid:
"Meta l-azzjoni ma tistghax titmexxa hlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali jirrinunzja ghall-kwerela li huwa jkun gja ghamel."

Illi dan il-kaz jaqa' perfettament fil-parametri ta' dan l-artikolu tal-ligi u ir-rinunzja esplicita li saret da parte tal-partijiet civili ggib id-data tas-16 ta' Frar, 2015.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din ir-rinunzja hi wahda valida u skont il-ligi billi s-sentenza finali ghada ma gietx pronunzjata minn din il-Qorti kif prospettat mill-artikolu tal-ligi hawn fuq indikat.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa t-talba tal-appellant u tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2016. Konsegwenza tar-revoka ta' dan id-digriet, tilqa l-appell ta' Francis Caruana. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.